Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,656, 15 ta' Ottubru, 2010
Taqsima B

A.L. 458 ta' l-2010

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti ta' l-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu fid-Dipartimenti tal-Gvern

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu fid-Dipartimenti tal-Gvern, u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaga waħda mar-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu fid-Dipartimenti tal-Gvern, kif oriġinarjament pubblikati taħt ir-Regolamenti ta' l-1966 dwar id-Drittijiet (Provvista ta' Bolli bil-Posta), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 35.01.

A.L. 58 ta' l-1966.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Taħt l-intestatura "Ministeru għat-Trasport u Komunikazzjoni", fl-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, il-kliem minn "Servizzi Postali" sa "ħamsin ċenteżmu jew iżjed… 0.29" fl-istess sezzjoni, għandhom jitħassru.